**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 336/21 AL

AB

VS

CD

(MR Number 2/2015)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw l-Unjoni Civili ta' bejnietom fl-ewwel (1) t'April, tas-sena elfejn u hmistax (2015) (Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala DOKUMENT A) u mill-Unjoni Civili taghhom ma kellhom ebda wlied.
2. Illi fil-hmistax (15) ta' Gunju, 2017, l-esponent u Gilbert Scicluna isseparaw de facto minn ma' xulxin.

3. Illi l-imsemmija konjugi kienu sseparaw legalment minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Daniela

Chetcuti fit-tlieta (3) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala DOKUMENT B).

4. Illi jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, illi, fir-rigward tal-obbligi tal-hlas tal-manteniment il-konjugi kienu qablu illi jirrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jircievu u/jew jitolbu manteniment minghand xulxin [Artikolu erbgha (4) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fit-tlieta (3) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tmintax (2018)].

5. Illi ma hemm l-ebda prospetti ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

6. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti w in vista wkoll tal-fatt illi l-konjugi huma diga’ separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, m’huwiex mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Previa s-smigħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta’ Settembru, 2021;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla iwiegeb ghad-domanda tal-qorti li m’ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi biex Unjoni Civili tigi maħlula u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Gunju, 2017 u legalment separati mit-3 ta' Mejju 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja l-ħall tal-unjoni ċivili bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall tal-unjoni ċivili bejn il-partijiet.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.